**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 349/18 AGV**

A
Vs
B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fl-1 ta' Awissu, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar is-27 ta'April, 1974 (Dok.A anness) u miz-zwieg taghhom twieldu zewgt ulied, C u D li t-tnejn huma adulti u indipendenti.
2. Illi l-partijiet isseparaw definittivament permezz ta' kuntratt pubbliku in atti tan-Nutar Dr. Jean Pierre Attard tat-2 ta' Awissu, 2016 (Dok, B anness).
3. Illi skond l-istess kuntratt, l-esponenti rrinunzja mid-dritt tieghu li jitlob u jircievi manteniment minghand martu, filwaqt li huwa obbliga ruhu li jivversa manteniment lejn martu fl-ammont ta' elf Euros (€1000) fix-xahar sakemm jaghlaq l-eta' ta' sebghin sena. Jinghad li l-manteniment dejjem thallas regolarment u effettivament

huwa anke hallas l-istess bil-quddiem permezz ta’ kambjali li diga’ jinsabu fil-pussess tal-konvenuta u dan skond il-kuntratt ta’ separazzjoni fuq imsemmi.

4. Illi ghalhekk il-partijiet isseparaw legalment fis-sena 2016u kienu ilhom ighixu hajja separate *de facto* ghal iktar minn sentejn qabel l-istess u ghalhekk ormai ilhom ighixu hajja separate *de facto* ghal iktar minn erba’ snin.
5. Illi bejn il-partijiet m’hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta’ rikonciljazzjoni, anke ghaliex huma ghandhom hajja totalment separate minn xulxin.
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1.Tippronunzja l-hall taz-zwieg civili bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2.Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timpani huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet.

Bl-ispejjes.

Rat ir-Risposta tal-intimata, li eccepiet:-

Illi l-esponenti ma ssib ebda oggezzjoni illi jigi ppronunzjat id-Divorzju bejn il-partijiet fuq il-fatti kif dikjarati mir-rikorrenti, b’dan pero’ illi hija ma thossx illi jkun gust li hi tbati xi forma ta’ spejjez tal-prezenti proceduri meta z-zwieg falla minhabba adulterju flagranti ta’ zewgha, illi, fuq kollox qieghed jaghmel il-prezenti talba meta z-zewg partijiet ghandhom ‘l fuq minn 68 sena u certament illi l-esponenti ma hija ser tibbenefika bl-ebda mod mix-xoljiment taz-zwieg illi l-esponenti dejjem emmnet illi ghandu jkun ghal dejjem.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrent irnexxielujissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruvailli l-partijiet ilhom sseparati *de facto* ghal aktar minn erba’ snin u kienu ukoll isseparaw legalment skond kuntratt datat 2 t’Awissu, 2016fl-atti tan-Nutar Dr. Jean Pierre Attard.

Jikkonferma ukoll li dejjem hallas l-manteniment dovut skond il-kuntratt ta’ separazzjoni, fatt mhux kontestat mill-intimata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa’ t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**